

## V

(Opinjonijiet)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EAC/22/10

Azzjoni preparatorja fil-qasam tal-Isport

(Sejħa miftuħa)

(2010/C 133/09)

## 1. Għanijiet u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti ssir biex timplimenta l-Azzjoni Preparatorja fil-qasam tal-isport skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-2010 dwar l-għotjiet u l-kuntratti għall-Azzjoni Preparatorja fil-qasam tal-isport u għall-avvenimenti annwali speċjali.

L-għan ewlieni tal-Azzjonijiet Preparatorji fil-qasam tal-isport huwa li jitħejjew azzjonijiet futuri tal-UE f'dan il-qasam, u dan abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti fil-White Paper dwar l-Isport.

Din is-sejħa għall-proposti se ssoġnati proġetti transnazzjonali mressqa minn entitajiet pubbliċi jew għaqdiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiġu identifikati u ttestjati networks adatti u prassijiet tajba fil-qasam tal-isport, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

- (a) il-ġlieda kontra d-doping;
- (b) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fl-isport u permezz tiegħu;
- (c) il-promozzjoni tal-volontarjat fl-isport.

Id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli mill-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' din l-azzjoni huwa l-Unità tal-Isport tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura.

## 2. Eliġibbiltà

## 2.1. Applikant

L-applikanti eliġibbli jridu jkunu:

- Entitajiet pubbliċi,
- Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

L-applikanti jrid ikollhom:

- status ġuridiku,
- l-uffiċċji ewlenin tagħhom reġistrati f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE

Il-persuni naturali ma jistgħux jibagħtu applikazzjoni għal din is-sejħa għall-proposti.

## 2.2. Proposti

Għal din is-sejħa għall-proposti, huma eliġibbli l-proposti li ġejjin:

- il-proposti mressqa permezz tal-formola ta' applikazzjoni uffiċjali, mimlija sew u ffirmata,
- proposti li jaslu fiż-żmien stipulat f'din is-sejħa għall-proposti,
- proposti li jinvolvu azzjonijiet esegwiti kollha fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,
- proposti li jkollhom netwerk transnazzjonali ta' mill-inqas ħames Stati Membri tal-UE.

## 3. Il-baġit u t-tul tal-proġett

Il-baġit disponibbli għal din is-sejħa għall-proposti huwa ta' EUR 2 500 000, taħt l-intestatura "Azzjoni Preparatorja fil-qasam tal-isport" (l-Artikolu 15.5.11).

Il-kofinanzjament tal-UE se jkun ipprovdut għal massimu ta' 80 % tat-total ta' spejjeż eliġibbli. L-ispejjeż tal-persunal m'għandhomx jaqbuż l-50 % tat-total ta' spejjeż eliġibbli. Kofinanzjament ieħor estern jista' jinkludi mhux aktar minn 10 % ta' kontributi *in natura*.

Il-Kummissjoni ttrisserva d-dritt li ma tagħtix il-finanzjament kollu disponibbli, u dan jiddependi mill-għadd u mill-kwalità tal-proġetti mressqa.

Il-proġetti jridu jibdew bejn l-1 ta' Diċembru 2010 u l-31 ta' Marzu 2011 u jintemmu mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012.

Il-perjodu tal-eliġibbiltà għall-ispejjeż huwa l-perjodu ta' tul il-proġett kif speċifikat fil-kuntratt.

## 4. Skadenza għall-applikazzjonijiet

L-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea hija l-31 ta' Awwissu 2010, bit-timbru postali bħala prova.

## 5. Id-dettalji kollha

It-testi l-oħra marbuta ma' din is-sejħa għall-proposti, li jinkludu l-formola tal-applikazzjoni u l-gwida tal-programm li tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u amministrattivi jinsabu fl-indirizz tal-internet li ġej: [http://ec.europa.eu/sport/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/sport/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-testi msemmija hawn fuq u jridu jittressqu fil-formoli pprovduti.

---